KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2/24

23 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Nadine Micallef | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kienx hemm.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**2.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

2.24.1.1 Ma kienx hemm.

**4.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

2.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

2.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 1.24 ġew approvati unanimament.

3.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**2.24.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

2.24.3. Ma kienx hemm.

**2.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fl-10 ta' Lulju 2024 ngħalaq iż-żmien tas-sottomissjonijiet ta' nteress minn sidien ta' dgħajjes. Skont il-figuri, daħlu 158 sottomissjoni. Biċ-ċar illi fiż-żona tax-Xewkija, m'hemmx spazju biżżejjed għal dawn il-bċejjeċ tal-baħar kollha u li dawn iridu jiġu evalwati kollha. Jidher ukoll illi hemm xi uħud mis-sottomissjonijiet li ma pprovdewx id-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-kriterji tas-sottomissjoni. Is-Sindku reġa' fakkar li bħala ordni ta' preferenza apparti dawk li ilhom itellgħu fiż-żona, fil-kriterji se jiġu nklużi ukoll Kalkariżi u dawk li għandhom mażra rreġistra l-Kalkara.

Is-Sindku tenna li mhux ser ikun possibli li kull minn issottometta ser ikollu spazju garantit. Huwa kompla jgħid li ser iżomm il-Kunsill aġġornat.

Hemm skedat li bejn it-Tnejn 29 ta' Lulju 2024 sat-2 ta' Awwissu 2024 ser ikun għaddejjin xogħolijiet infrastrutturali u servizzi oħra fil-karreġjata li tagħti ghaż-żona tax-Xewkija u ghalhekk il-vetturi mhux ser ikollhom aċċess għat-Triq il-Mandraġġ u viċi versa. Il-pubbliku ser ikunu avżati dwar dawn ix-xogħolijiet permezz tal-mezzi socjali filwaqt ser ikun hemm kuntatt telefoniku mal-għaqda kkonċernata.

2.24.4.1 **Festa tal-Kalkara 2024**

Wara li issa għaddiet il-festa tar-raħal, is-Sindku tkellem fuq l-assistenza tal-Kunsill matul il-ġranet tal-festa li nvolviet laqgħat u kommunikazzjoni kontinwi mal-entitajiet kkonċernati, b'mod partikolari mal-Korp tal-Pulizija, mal-LESA u maż-żewġ għaqdiet tal-Banda. Is-Sindku ta' rendikont fuq in-nefqa tal-Kunsill li tammonta għal madwar €3,000 li fih jinkludi servizzi tal-LESA, ambulanza, servizz ta' ħasil tat-toroq, preċentazzjoni ta' fjuri lill-knisja u servizzi oħrajn (Dok 1). Irringrazzja b'mod speċjali l-Clean Malta, talli provdew servizzi ta' tindif u ħasil inkluż l-*street sweeper* u ġbir ta' skart matul il-ġimgħa tal-festa. Is-Supretendent talab li jkun hemm sigurta` għall-Ufficjali tal-LESA għal ħruġ tan-nar tal-ajru. In-nefqa tal-LESA tiġi rifusa mir-Reġjun Port.

2.24.4.2 **Lejla Rnella**

Il-Kunsill applika għall-fondi taħt l-iskema bl-isem Attivitajiet Kulturali u Natalizi fejn id-Direttorat tal-Gvern Lokali approva l-ammont ta' €17,800 għas-serata Lejlet Rnella. Din is-serata ser titella' l-Ġimgħa 30 t' Awwissu minflok is-Sibt 31 t' Awwissu 2024 minħabba l-aspett loġistiku. Din ser tkun it-tielet sena konsekuttiva fejn din id-darba ser jiġu mistedna l-kantanti popolari Malti, Glenn u Amber akkumpanjati ma' band li ser itellgħu *show* spettakolari. Il-Kunsill ġie provdut *proposal* ekwivalenti mal-prezz addatta flimkien ma' logistika relattiva mal-post fejn ser titella' s-serata.

1.24.2.1 **Dekasteri mgħotija lill-Kunsilliera**

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri dwar l-inizjattivi mressqa mill-Kunsilliera skont id-dekasteri assenjati lilhom. Is-Sa Chircop responsabbli mit-trasport pubbliku pproponiet il-waqfa (l-*istage*) temporanju għal matul il-ġimgħa tal-festa filwaqt is-Sa Maria Sultana responsabbli mill-għaqdiet akkumpanjat lis-Sindku waqt li ngħata l-kuruna meta ttellgħet l-istatwa ta' Malta.

2.24.2.3 **Skedanza tal-Kuntratt tal-iSchool Grannies**

L-Aġenzija tal-Active Aging infurmat il-Kunsill li l-kuntratt kurrenti tal-iSchool Grannies skada u l-Kunsill ġie mitlub jerga' joħroġ is-sejħa mill-ġdid għal dawk li nterresati li jixtiequ jservu bħala School Grannies.

## 2.24.5 Korrispondenza

Ma kienx hemm.

## 2.24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

2.24.6.1 **Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

**Mobile Blood Unit**

Bħalissa s-Sa Chircop qegħda tikkordina mal-Mobile Blood Unit sabiex fit-13 ta' Diċembru 2024 ġewwa l-Kalkara jkun hawn is-servizz provdut minnhom.

Is-Sa Chircop għamlet kommunikazzjoni flimkien mas-Sindku għar-revizjoni tat-trasport pubbliku u lmenti tar-residenti b'mod partikolari l-waqfa tax-Xatt mas-Sur Michael Paris, rappreżentant tat-Trasport Malta.

**Laqgħat mal- Entita` tal-Active Aging**

Is-Sa Chircop ser tagħmel laqgħat mal-Entita` tal-Active Aging.

**Ħarġiet għall-Anzjani u l-Familji**

Fit-3 ta' Settembru 2024, is-Sa Chircop ser torgaizza ħarġa għall-anzjani u l-familji.

**Ilment dwar ir-roundabout qabel titla' għall-Esplora**

Is-Sa Chircop talbet soluzzjoni għar-*roundabout* li tagħti għat-telgħa tal-Espora. Din il-materja ssemmiet fl-laqgħat preċedenti.

2.25.6.2 **Is-Sa Maria Sultana, Kunsilliera**

**Laqgħat mal-Għaqdiet Kalkariżi**

Is-Sa Sultana talbet għal-lista għaqdiet ġewwa l-Kalkara sabiex tiltaqa' u tagħmel konoxxenza magħhom. Is-Sindku esprima li sodisfazzjon u li huwa ta' valur li Sa Sultana ser tagħmel laqgħat magħhom.

2.24.6.3 **Is-Sur Vincent Bongailas, Kunsiller**

**Attivitajiet Sportivi**

Fit-3 ta' Awwissu 2024, is-Sur Bongailas ser jorganizza attivitajiet sportivi li ser jibdew minn Ġnien Rnella u jibqgħu sejrin f-akkwati oħrajn ġewwa l-Kalkara.

**Laqgħa mal-Ministru dwar Attivitajiet Sportivi**

Is-Sur Bongailas inform li ser jagħmel appuntament mal-Onor. Ministru Julia Farrugia bl-għan li jiġu ddentifkati skemi sportivi.

2.24.6.3 **Is-Sa Nadine Micallef, Kunsilliera**

**Ħarsien tal-Annimali**

Is-Sa Micallef qed tesplora postijiet addatati li jkunu jistgħu jsiru spazju għall-klib ġewwa l-Kalkara. Ser titlob laqgħa mal-Awtorita` tal-Artijiet ħalli jiġu ddentifikati postijiet jew spazji għal dan il-għan. Inkonessjoni mal-ħarsien għall-annimali, is-Sa Micallef kompliet tellabora dwar il-ħsieb tagħha fejn l-istess spazji li jkunu ġew żviluppati għall-annimali, jkunu jistgħu jintużaw għal

aktar skopijiet bħal *dog training* fejn il-Kunsill ikun jista' jibbenifika minn dħul finanzjarju.

**Skema għall-Persuni li Jitimgħu l-Qtates**

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annmali reġa' nieda' ;-iskeda għall-persuni li jitimgħu l-qtates li fiha ser ikun hemm aġġornament fil-linji gwida.

Is-Sindku ser joħroġ avviż fuq il-mezzi soċjali jinforma lir-residenti Kalkariżi b'din l-iskema li tagħlaq fil-31 t' Awwissu 2024. Fl-għeluq ta' sottomissjoni ta' din l-iskema, is-Sa Micallef ser itella' sezzjoni informativa fuq il-mezzi soċjali bit-tema għal aktar għarfien dwar l-annimali.

**Talba għall-Fondi għat-Tisbieħ tal-Rinella Housing Estate**

Is-Sa Micallef iddentifkat żona fil-Housing Estate tar-Rinella biex isir tisbieħ tal-ispazju estern ħalli jitgawda mir-residenti. Żiedet tgħid li jistgħu jiġu provduti fondi għat-tisbieħ ta' din iż-żona mill-Fondazzjoni Gal Xlokk. Filfrattemp, is-Sa Micallef ser titlob aktar informazzjoni mingħand din il-Fondazzjoni dwar it-talbiet sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika u jibbenefika minn dawn il-fondi/

**L-Arkati fil-Bajja tar-Rinella**

Is-Sa Micallef esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-arkati perikolużi li hemm fil-Bajja tar-Rinella ta' taħt il-forti. Hija ser tiċċekja mas-Segretarju Parlamentari, Xogħolijiet Pubbliċi, is-Sur Omar Farrugia dwar din il-materja. Min-naħa tas-Sindku, huwa ser jikkomunika mal-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu biex jingħataw gwida u l-*way forward* dwar it-tiswijiet tagħhom.

**2.24.7 <u>Punti Ġenerali</u>**

2.24.7.1 **Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku**

Is-Sindku rrimarka illi l-ilment m'għandhomx jitħallew għal-laqgħa , eżempju bozza mhux tixgħel eċċ iżda kull Kunsillier għandu jirraporta l-Amministrazzjoni biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

2.24.7.2 **Is-Sur Vince Bongailas, Viċi-Sindku**

Is-Sur Bongailas ressaq ilment minħabba nuqqas ta' dwar fi Triq Luiġi Pisani għalhekk ser jintbagħat ilment lil-Enemalta.

2.24.7.3 **Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

Is-Sa Chircop talbet sabiex issir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita` hdejn il-Browns Pharmacy. Dan għaliex ikun iktar ulti li jsir fejn qiegħed jiġi pproponut milli fejn qegħdin bħalissa ħdejn il-*pump room*.

Is-Sindku ma qabilx dwar kif sar it-tqassim tal-parkeġġi għall-persuni b'diżabilita` li saru fix-Xatt peress li l-Kunsill ma kienx a konoxxenza għall-

aħħar kif kienu ser isiru. Dawn il-parkeġġi setgħu ġew mqassma b'mod aktar aħjar.

Is-Sa Micallef spjegat illi l-GHRC mxew skont il-linji gwida tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` (CRPD). Is-Sindku żied jgħid li sabiex jinħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità tax-Xatt, il-GHRC huma obbligati jimxu strettament mar-regolamenti tas-CRPD.

Il-Kunsill iddiskuta l-parkegg tad-dizabilita` li hemm ftit metri l-boghod mill-Viri's Take Away. Ir-resident talab li jkollu parkegg personalizzat.

Kien hemm talbiet mingħand resident li joqgħodu x-Xatt sabiex ikollhom parkeġġ dedikati għar-residenti biss. Dan minħabba li meta jużaw il-vettura tagħhom, qed isibha diffiċli li jsibu parkeġġ meta jirritornaw lura. Is-Sindku ssuġerixxa li ċertu parkeġġi jsiru bil-ħin. Informa wkoll li huwa diga ressaq il-proposta tal-parkeġġ bil-ħin.

Is-Sa Chircop talbet sabiex jitwaħħal *bin* ħdejn il-latrini u talba oħra għat-twaħħil ta' mera fi Triq San Leonardu.

Is-Sa Chircop staqsiet dwar l-istadju għall-proġett fi Trejqet iċ-Ċimiterju. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie mgħarraf li ġie aċċettat il-proġett u ser jingħataw il-fondi għalih.

2.24.7.4 **Is-Sa Nadine Micallef, Kunsilliera**

Is-Sa Micallef ipproponiet li jsiru tabelli li joffru nformazzjoni dwar il-Kalkara b'mod elettroniku (*QR code*) b'mod partikolari ħdejn kull sit . Ħdejn kull wirt storiku. Resqet ukoll li l-Kunsill jista' jottjeni *sponsorship* għal dan il-għan biex b'hekk tattira katra turisti lejn il-lokalita`.

## 2.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku

Ma kienx hemm.

## 2.24.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm.

## 4.24.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vicent Bonagailas ssekondata mis-Sa Nadine Micallef, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 4.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Is-seduta ntemmet fis-6.37pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 t' Awwissu 2024, fil-5.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 27 t' Awwissu 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**